Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 67/2017

**Celina Dorota Camilleri (ID 43544A)** **(appellata)**

**Vs**

**Citadel Insurance plc** **(appellanti)**

4 ta' Ottubru, 2019.

1. B'rikors preżentat fit-18 ta' Diċembru, 2017 il-kumpannija intimata appellat minn deċiżjoni tal-Arbitru Għas-Servizzi Finanzjarji tat-28 ta' Novembru, 2017, li permezz tagħha laqa' t-talba tar-rikorrenti u kkundanna lill-intimata tħallasha s-somma ta' sitta u tletin elf u disa' mija u dsatax-il Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€36,919.95c), somma li tirrappreżenta nofs is-somma assigurata taħt *life protection plan (decreasing term)* numru DT65000795 li kienet *joint life policy* ma' ċertu James Aquilina u li kienet inħarġet fl-2009 bħala garanzija għal self li kienu ħadu mingħand l-HSBC Bank Malta p.l.c.

2. L-aggravji tal-appellanti huma:-
    i. L-Arbitru fehem ħażin id-difiża tagħha, fis-sens illi l-eċċezzjoni fil-mertu kienet li l-polza ta' l-assigurazzjoni kienet skadiet għaliex il-*policy holder* ma ħalsitx il-*premium* għaż-żmien kollu li kien stipulat fil-polza. L-intimata argumentat li fl-ebda stadju tal-proċediment ma kienet qegħedha ssostni li l-polza kienet ġiet kanċellata;

    ii. L-Arbitru ma kienx korrett meta kkonkluda li l-intimata kienet responsabbli li titlob il-ħlas tal-*premium* mingħand l-HSBC;

iii. L-intimata ma kellha l-ebda obbligazzjoni li tibgħat avviżi lir-rikorrenti li l-*premium* ma kienx qiegħed jitħallas. Dan apparti li mill-provi jirriżulta, bl-iktar mod ampju, li r-rikorrenti kienet taf li ma kienx qiegħed jitħallas il-*premium* tal-polza;

iv. L-intimata ma kellha l-ebda obbligu li tavża l-HSBC li l-*premium* ma kienx tħallas u f'kull kaz, l-HSBC ma kelliex obbligu li tħallas id-djun tar-rikorrenti;

v. L-Arbitru ma ddeċidiex sew it-tieni eċċezzjoni li tat l-appellanti;

vi. L-Arbitru ddeċieda ħażin meta ordna ħlas ta' benefiċċju skond il-polza fil-mument li saret it-talba, il-polza kienet ilha żmien li skadiet;

vii. L-Arbitru għamel apprezzament tal-provi ħażin meta naqas milli jikkunsidra li l-polza kienet skadiet għaliex ir-rikorrenti ma riditx tkompli bil-polza.

3. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fid-19 ta' Ġunju, 2018, ir-rikorrenti tat ir-raġunijiet għalfejn kull wieħed mill-aggravji li tat l-intimata għandhom ikunu miċħuda.

**<u>Fatti prinċipali.</u>**

4. Il-kawża titratta dwar polza ta' assikurazzjoni (*Loan Protection Plan (Decreasing Term)*) li ħarġet l-appellanti favur l-appellata u ċertu James Aquilina li kienu *partners*. Il-*premium* kien €28.09 kull xahar pagabbli permezz ta' *direct debit*. Polza li nħarġet f'Mejju, 2009 u li l-appellata u Aquilina taw b'rahan lill-HSBC Bank Malta plc bħala garanzija għas-self li kellhom għax-xiri ta' proprjeta. Dik kienet waħda mill-kundizzjonijiet li impona l-bank sabiex jagħti s-self lill-appellata u lil Aquilina.

5. Il-ħlas tal-*premium* kien isir permezz ta' *direct debit mandate* li l-appellata u Aquilina għamlu mal-HSBC, fergħa San Pawl il-Baħar fuq *joint account* bin-numru 064083967001 (fol. 52). Ovvjament kien l-obbligu tal-appellata u

Aquilina li jiżguraw li fl-imsemmi kont ikun hemm biżżejjed *funds* biex isiru l-pagamenti lill-kumpannija appellanti.

6. Mill-atti jirriżulta li kien ġie żmien meta ma baqgħux jitpoġġew flus fil-kont li l-appellata u Aquilina kellhom fl-HSBC, fergħa San Pawl il-Baħar. L-aħħar somma rtirata minn dak il-kont favur Citadel kien fis-27 ta' Diċembru, 2011. F'dak ix-xahar kienet ukoll depożitata s-somma ta' €28.09. Il-bilanċ ta' €29.21 li baqgħet ma ġietx *withdrawn* favur l-appellanti. Min-naħa tal-appellata u Aquilina wara Diċembru, 2011 ma reġgħux iddepożitaw flus fil-kont minn fejn kien jitħallas il-*premium* lil Citadel. Il-bilanċ kien eventwalment irtirat (8 ta' Ġunju 2012 u 10 ta' Awissu 2012) mill-appellata (ara *statements of account* a fol. 150-158 u dak li xehedet l-appellata a fol. 163). Għaldaqstant, hu evidenti li l-aħħar depożitu ta' flus għall-ħlas ta' *premium*, kien sar fit-22 ta' Diċembru 2011.

7. Il-flus li kien hemm depożitati fil-*joint account* sabiex jagħmlu tajjeb għall-*premium* ta' Jannar, 2011 kienu rtirati mill-appellata fil-bidu ta' Ġunju, 2012 u l-bilanċ f'Awissu 2012.

8. Fl-2011 spiċċat ir-relazzjoni bejn l-appellata u Aquilina. Jidher li l-appellata tħajret tixtri sehem Aquilina fil-fond li kellhom u applikat sabiex tingħata self mill-istess bank. Fil-fatt ħarġet *sanction letter* datata 12 ta' Diċembru, 2011 (fol. 120). Waħda mill-kondizzjonijiet kienet li l-appellata tagħti b'garanzija *"c) Mortgage Protection Insurance Policy for €83,160 spread over 31 years with age admitted in your name"*. F'nofs Diċembru, 2011 l-appellata ħallset ukoll is-somma ta' €86.80 b'riferenza għat-tieni polza li riedet li tinħareġ f'isimha biss (ara bank draft a fol. 106). Dan wara li HSBC bagħat ittra lill-appellata datata 12 ta' Diċembru 2011 (fol. 123) fejn għarrafha li waħda mill-kondizzjonijiet tas-self kienet *"to provide a pledge over a Life Assurance Policy for a minimum of €83160"*. Il-polza nħarġet fis-27 ta' Awissu, 2012 (ara ittra ta' Citadel a fol. 95) wara li l-appellata kienet tat it-tagħrif mediku li kienet intalbet tagħti. Fir-rigward tat-tieni polza, l-appellata ma tatx *instructions* sabiex il-ħlas tal-*premium* isir permezz ta' *direct debit mandate* (ara proposal form u affidavit ta' Alfred Cachia).

9. Wara Diċembru, 2011 l-appellata jew Aquilina qatt ma reġgħu iddepożitaw il-pagament tal-*premium* fil-*joint account*.

10. Fl-10 ta' Frar, 2013 miet James Aquilina f'Westminister, l-Ingilterra (fol. 185).

11. Kien biss f'Lulju, 2016 li l-appellata għamlet *complaint* mal-appellanti.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

12. Dwar il-meritu fid-deċiżjoni l-Arbitru qal:

> *"The Arbiter is considering the complaint to be fair, equitable and reasonable for the above-stated reasons briefly that:*
>
> - *Despite the allegations that the joint life policy had been cancelled – particularly when the complainant had applied for a single life policy, Citadel failed to produce evidence regarding the cancellation.*
> - *By virtue of the direct debit mandate, Citadel was responsible in requesting HSBC to debit the joint account for the January 2012 premium payment. However, it seems that such request was not made despite that there were sufficient funds in the joint account and such payment was not made.*
> - *Although it was normal practice adopted by Citadel, the complainant did not receive any reminders from Citadel of the failure to pay the January 2012 premium payment.*
> - *Citadel has also failed to infrom HSBC of the default of the January 2012 premium payment as agreed in the Notice of Pledge, although being cognisant of the possibility of an alternative for such payment to be made"*.

13. Madankollu fil-meritu d-difiża prinċipali tal-appellanti ma kinitx li l-appellata kkanċellat il-polza, iżda li **l-*policy lapsed*.** F'dan ir-rigward waħda mill-kondizzjonijiet tal-polza li ħarġu l-appellata u Aquilina tgħid:

> *"Payment of Premiums.*
> 1. *The amount of premiums and the dates on which they are payable are shown in the Schedule.*
> 2. *Thirty days of grace are allowed for payment of each premium after the first. Should a claim arise during this period, the unpaid premium will be deducted from the Benefit(s) payable. If the premium is still unpaid at the end of the days grace,* ***the Policy will lapse without value****.*
> 3. ***This Policy may be revived within six months from the date of lapse provided that all premiums and interest thereon are paid*** *and that satisfactory evidence of the Life Insured's contiued eligibility for insurance is produced without expense to the Company"*.

14. L-Arbitru kellu jiddeċiedi dwar dawk il-kundizzjonijiet, meta mill-provi rriżulta li wara Diċembru 2011 l-appellata ma reġgħetx iddepożitat flus fil-*joint account* sabiex jitħallas il-*premium*.

15. L-eċċezzjoni prinċipali fil-meritu kienet li l-polza in kwistjoni kienet skadiet minħabba li l-appellata u Aquilina ma baqgħux iħallsu l-*premium* (ara paragrafu 5.2 tat-tweġiba tal-appellanti, fol. 43 u paragrafu 6.1 a fol. 45). L-eċċezzjoni ma kinitx fis-sens li l-polza kienet ġiet kanċellata meta l-appellata applikat għal polza oħra f'isimha biss.

16. L-ilment tal-appellata kien li, *"**Direct Debit for Joint Policy Cancelled prematurely** before sole policy was active. Sole policy activated unnecessarily due to motgage not being accepted"*. Pero' l-Arbitru għandu jiddeċiedi l-każ mhux biss a bażi ta' dak li jingħad fl-ilment ta' min jibda l-proċediment quddiemu iżda wkoll l-eċċezzjonijiet li jingħataw mill-intimat. Dan apparti li b'riferenza għall-ilment tal-appellata, id-*direct debit* qatt ma ġie kanċellat. Li ma baqax isir kien id-depożitu tal-*premium* mill-appellata fil-kont li kellha mal-HSBC, u li minnu kellha titħallas Citadel.

17. Kuntrarjament għal dak li qal l-Arbitru fid-deċiżjoni, l-appellanti qatt ma allegat li l-polza kienet ġiet kanċellata. Kienet anzi l-appellata fl-ilment tagħha li allegat: *"I believe that **if the joint policy would not have been cancelled prematurely** the Citadel would have been libale to pay the outstanding mortgage held with HSBC"*. Fis-sentenza l-arbitru qal:

> *"On various occasions, **Citadel alleged that the joint life policy has been cancelled – particularly when the complainant has applied for a single life policy.** Despite such allegations, Citadel failed to produce evidence regarding the cancellation, if any, or any other documentation indicating that the complainant and her late partner had given any instructions to cancel the joint policy or revoke the direct debit mandate at some time. Neither any other documentation which replaces previous instructions given in this regard has been presented"*.

18. Pero' l-appellanti tul il-proċediment m'argumentatx li l-polza ta' assikurazzjoni kienet ġiet kanċellata. Dan hu evidenti ukoll mit-tweġiba li ppreżentat fl-ewwel stadju.

19. L-Arbitru għamel enfażi fuq il-fatt li ma kienx irriżulta li Citadel kien għarraf lil HSBC li l-ħlas tal-*premium* ma kienx qiegħed isir (ara paġna 13 tad-deċiżjoni). Pero f'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-
    i. Dik hi materja li tolqot ir-relazzjoni bejn HSBC u Citadel;
    ii. Fin-*notice of pledge*, jingħad ċar u tond li *"We also undertake to notify you on the expiration of the grace period of any renewal premium on the Policy not having been received bu us at the time of such notification.* ***No omissions on our part to give such notification shall have the effect of extending the liability under the above Policy beyond that period, or render us liable for any claim for negligence or otherwise for omitting to give such notice***". Għalhekk hu evidenti li Citadel ma setgħetx tinżamm respnosabbli minn HSBC. Dan apparti li HSBC kienet taf li mhux isir il-ħlas għaliex il-kont bankarju li fih l-appellata u Aquilina kienu jiddepożitaw il-*premium*, kien tal-HSBC.

20. Inoltre, kuntrarjament għal dak li qal l-Arbitru m'hemmx prova li Citadel kienet tibgħat avviż lill-appellata meta ma jsirx ħlas tal-*premium*. Fir-realta' l-uniku prova li hemm li ma sarx ħlas tal-*premium* kien minn Jannar 2012 'il quddiem. Avviżi li setgħu intbagħatu b'riferenza għat-tieni polza huma għal kollox irrilevanti għaliex f'dak il-każ l-appellata ma tatx *direct debit mandate*.

21. Kien hemm *sufficient funds* biss għax-xahar ta' Jannar, 2012 u mhux għax-xhur ta' wara. Dan hu ċar daqs il-kristall mid-dokumenti a fol. 150 sa 158.

22. Il-qorti għandha dubji serji kemm l-arbitru ddeċieda l-meritu tal-każ a bażi tal-eċċezzjoni li tat l-appellanti. Biżżejjed jingħad li fil-parti tal-konsiderazzjoni lanqas m'għamel riferenza darba għal dak li hemm stampat fil-*general policy conditions* dwar *"payment of premiums"*. L-enfażi tal-arbitru kienet pjuttost fuq il-fatt li l-appellanti ma tatx prova li l-polza kienet ġiet kanċellata. Argument li fir-realta' sar mill-appellata u mhux l-appellanti. Madankollu ġialadarba hemm id-dubju minħabba li l-arbitru ta raġunijiet oħra għalfejn laqa' t-talba tal-

appellata, il-qorti ser tiċħad l-ewwel aggravju. Id-dubju għandu jmur favur il-validita' ta' deċiżjoni u mhux kontra.

23. Hu veru li Citadel Insurance plc ma rtiratx is-somma ta' €29 *premium* għax-xahar ta' Jannar 2012, pero' hu veru wkoll li l-appellata ma baqgħetx tiddepożita l-*premium* għax-xhur ta' wara. Il-*premium* kellu jitħallas kull xahar, u dak li sar fir-rigward tax-xahar ta' Jannar 2012 ma jistax iservi ta' benefiċċju għall-pagamenti l-oħra li ma sarux.

24. Il-qorti tosserva:-

i. Il-ftehim kien li l-*premium* ta' kull xahar jitħallas permezz ta' *direct debit mandate*. Għaldaqstant, kien id-dmir tal-appellata li tiżgura li fil-*joint account* ikun hemm kull xahar biżżejjed flus depożitati sabiex jagħmlu tajjeb għall-*premium* li kellu jitħallas kull xahar lil Citadel Insurance plc.

ii. Fir-rigward tax-xahar ta' Jannar, 2012 m'hemmx problema għaliex f'Diċembru 2011 l-appellata kienet iddepożitat is-somma dovuta bħala *premium*. Ladarba sar id-depożitu, il-qorti taċċetta li daqslikieku sar il-pagament. Pero' l-problema kienet dwar il-pagamenti dovuti għax-xhur ta' wara. L-obbligu tad-depożitu fil-*joint account*, kien tal-appellata u ħadd iktar.

iii. L-appellata kienet żgur taf li m'hijiex tiddepożita l-pagamenti fl-imsemmi kont. Ma tat l-ebda raġuni li b'xi mod jista' jiġġustifika dak in-nuqqas.

iv. Hu ovvju li sabiex polza ta' assikurazzjoni tibqa' fis-seħħ, il-*policyholder* għandu jiżgura li jħallas il-*premium on time*. Dan kien evidenti wkoll mill-*general conditions* tal-polza li kienu għand l-appellata. Fil-fatt hi stess ippreżentat kopja tal-istess mal-ilment tagħha.

v. Il-*general conditions* tal-polza huma ċari u ma jħallu ebda lok għad-dubju. L-appellata kienet taf id-data meta l-*premium* kellu jitħallas.

vi. Peress li l-appellata ma kinitx qegħda tiddepożita l-flus fil-*joint account* li kellha ma' Aquilina, ma kinitx qegħda tħallas il-*premium*. Il-*general policy conditions* jagħmluha ċara li l-*policy holder* kellu tletin (30) jum *grace period* biex iħallas u fin-nuqqas ***"the Policy will lapse without value"***.

vii. Fl-ilment li ppreżentat quddiem l-arbitru, l-appellata ddikjarat: *"Sometime after, the HSBC has called me and informed me that the application cannot continue further because there is an issue from the legal point of view because the power of attorney gives me the right to sell but not to sell it to myself.* ***At this stage I was left without a valid joint home loan protection policy which I couldn't reactivate since the policy had lapsed*** *and I wasn't in a positon to sign a new joint policy since Mr Aquilina was in UK".* Mela l-appellanti kienet taf li l-polza kienet skadiet. Ta' dan ma tistax tipponta subgħajha lejn l-appellanti li m'għandha l-ebda tort li l-HSBC, għalkemm ħarġet *sanction letter*, eventwalment bidlet il-fehma tagħha.

viii. Mill-provi ma jirriżultax li matul il-perjodu ta' sitt xhur li jissemmew fl-*istess conditions*, l-appellata kienet ħallset l-outstanding *premia*. Hu minnu li l-appellata xehedet li, *"As soon as I realised that the premium was not being paid by HSBC or claimed by Citadel Insurance, I spoke with Mr Azzoparedi and asked him whether the policy was active or not, and he said 'No', and that I have to do a new policy. It may be that I talked to Mr Azzopardi in July 2012. I discussed with Mr Azzopardi whether I could pay the arrears and he said, 'No, you cannot revive the policy but you have to do a new policy"* (fol. 162). Il-qorti m'hi konvinta xejn minn din il-verżjoni meta tqies li:

- Azzopardi ma tħarrikx sabiex jikkorabora dik il-verżjoni;
- L-appellata ma ppreżentatx prova dokumentarja li fi żmien meta l-polza setgħet tiġi riattiviata (is-sitt xhur li jissemmew fil-*general policy conditions*), kien sar xi diskors f'dak is-sens;
- L-appellanti kienet taf x'kienu l-kondizzjonijiet tal-polza għaliex kellha kopja tagħhom. Lanqas m'hemm prova li kienet iddiskutiet il-problema mal-HSBC Bank Malta plc, li kellu l-polza bħala garanzija għad-dejn li kien għad irid jitħallas mill-appellata;
- L-ewwel darba li l-appellanti ilmentat kien f'Ġunju, 2016 ċjoe snin wara li skadiet il-polza. Għallinqas il-provi hekk juru;

25. Hu minnu li mill-provi ma rriżultax li Citadel kienet qegħda tibgħat *reminders* lill-appellata li l-*premium* ma kienx qiegħed isir u li fin-nuqqas ***"the Policy will lapse without value"***. Madankollu:-

i. Ma rriżultax li Citadel kienet assumiet xi obbligu li tibgħat avviż simili.

ii. L-appellata kienet taf li l-*premium* m'huwiex jitħallas, ġialadarba minn Jannar 2012 ma baqgħetx tiddepożita flus fil-*joint account*. Wieħed irid jiftakar ukoll li Aquilina kien ilu li telaq minn Malta mis-sena 2010 u għalhekk kollox waqa' fuq l-appellata.

iii. Mill-*istatements* bankarji li ppreżentat l-appellata, jirriżulta li kellha l-*internet banking* (ara per eżempju *statement* datat 27 ta' Diċembru, 2011). Mela kienet taf ben tajjeb x'inhu għaddej fil-kontijiet li kellha li jinkludu l-kont li fuqu kienet tat *direct debit mandate*. L-appellata stess xehedet li, *"I used to check it online"*.

iv. L-appellata xehedet, *"In June 2012 I realised HSBC was not paying the premium to Citadel"*. Ma rriżultax li kien hemm xi ftehim bejn HSBC u l-appellata li l-bank ser joħroġ il-flus minflokha. Fir-rendikont tax-xahar ta' Diċembru 2011 (fol. 150), jirriżulta li kienet l-appellata li permezz tal-*internet banking* għamlet *transfer* ta' flus għall-kont li fuqu kien hemm *direct debit mandate* u li biha ddepożitat is-somma ta' €28 sabiex b'hekk fil-*joint account* kien hemm is-somma ta' €29.21. Somma li kienet tkopri l-*premium* għax-xahar ta' Jannar, 2012.

v. Għal dak li jirrigwarda l-HSBC, kien jaf li l-appellata ma kinitx qegħda tħallas il-*premium* peress li l-kont bankarju li fuq kien hemm *direct debit mandate* kien għandu. Kieku ried seta' jaqbad u jiddepożita l-flus minn jeddu sabiex jiżgura li l-polza ma tiskadix. Pero' baqa' passiv u aċċetta l-posizzjoni tant li fil-11 ta' Mejju, 2016 iddikjara, *"We advise that we are no longer interested in the above policy and we shall be grateful if you will mark your records accordingly"*. M'hemmx prova li HSBC għamel xi pretensjoni fil-konfront tal-appellanti.

vi. Mill-*general conditions*, li kienu għand l-appellata, l-appellata kienet taf x'inhuma r-riperkussjonijiet jekk ma jitħallasx il-*premium*. Kellha altru milli biżżejjed żmien sabiex terġa tagħti ħajja lill-polza, pero' baqgħet ma

ddepożitatx l-arretrati fil-*joint account* li fuqu sa mill-bidunett tal-polza kien hemm *direct debit mandate*.

26. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet li l-arbitru m'għamilx, ta' xejn wieħed jargumenta li skont il-liġi l-arbitru jiddeċiedi skont dak li hu ġust, ewku u raġonevoli (Kap. 552). Il-provi huma li huma. Il-qorti m'għandha l-ebda dubju li fil-meritu l-appellanti kellha tingħata raġun. Ġialadarba b'seħħ minn Frar, 2012 il-ħlas tal-*premium* ma baqax isir l-appellanti m'għandhiex jedd li tilmenta iktar minn erba' snin wara. Il-kundizzjonijiet tal-polza relatati mal-ħlas tal-*premia* huma ċari u għar-raġunijiet li ngħataw l-appellata m'għandhiex jedd tagħmel *claim* taħt polza li kienet ilha s-snin li skadiet minħabba li l-appellata ma ħallsitx il-*premia*. Polza li skadiet mhux tort tal-appellanti imma tort tal-appellata li ma baqgħetx tiddepożita l-*premium* fil-*joint account* li kellha ma' Aquilina, u li fuqu kienet tat *direct debit mandate* lill-appellanti.

**Għal dawn il-motivi:-**

1. **Tiċħad l-ewwel aggravju.**
2. **Ma tieħux konjizzjoni tal-ħames aggravju peress li ma fih l-ebda spjegazzjoni għalfejn l-appellanti ma taqbilx mar-raġunament tal-arbitru fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni. F'kull każ peress li l-appellanti ma ngħatatx raġun fil-meritu, dan l-aggravju hu wkoll eżawrit.**
3. **Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-kumplament tal-aggravji li jitrattaw il-meritu tal-każ, u tvarja d-deċiżjoni tal-arbitru tat-28 ta' Novembru 2017 fis-sens li tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni li laqet it-talba tal-appellata u kkundannat lill-appellanti tħallasha s-somma ta' €36,919.94. Minflok tilqa' l-eċċezzjoni fil-meritu tal-appellanti u tiċħad it-talba tal-appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha.**

Anthony Ellul.